MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51/2022

It-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**PREŻENTI (b'mod Virtwali):**

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini

51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1 Is-Sindku qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Daniel Cordina.

51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 49/2022-8 u 50/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

51.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

51.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

51.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 49/2002-8 u 50/2022-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini infurmat lil membri preżenti li saret laqgħa mal-għaqdiet tar-raħal rigward ix-Xwejni Music Fest fejn ingħata rendikont ta' ser jiġri fil-festival. Kompliet tgħid li l-Kunsill għadu qed jistenna l-istejjem tad-disinn u d-dawl sabiex ikun jista' japplika għal fondi.

51.3.2 Is-Sindku informat lil membri li nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju saret ukoll laqgħa tal-Kumitat tal-Festa. Kemm hi kif ukoll il-Kunsillier Baskal Saliba ma setgħux jattendu. Kompliet tgħid li ġiet infurmata illi l-festa ser issir b'mod normali. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni mal-

għaqdiet tar-raħal u l-Parroċċa bħal ma kien isir fis-snin ta' qabel. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona sabiex issir laqgħa mal-għaqdiet u l-parroċċa pero is-Sindku qalet li aħjar qabel jilħaq jitħejja l-programm tal-festa.

51.3.3 Is-Sindku nformat lil membri li l-offerta għal qtugħ tal-ħaxix fil-lokalita' kienet għolja u għalhekk il-membri qablu fuq proposta tas-Sindku li jinxtara mutur tal-ħaxix u x-xogħol isir mill-ħaddiema ta' l-iskema.

51.3.4 Is-Sindku informat lil membri illi għalqu żewġ offerti:

*Tender for the supply and installation of decorative luminaries in Triq id-Duluri, Marsalforn* – fejn f'din ħadd ma tefa' offerta.
U
*Tender for the removal of an existing wrought iron railing and the manufacturing and installation of composite railing at Triq Santa Marija, Marsalforn Gozo* – hawn intefgħu erbgħa offerti. Kien hemm qbil fost il-membri li l-Bord ta' Evalwazzjoni jkun magħmul minn William Sultana – Chairman, Odette Camilleri – Segretarju u membri l-oħra tal-bord l-Avukat Joshua Grech u l-Accountant Daniel Galea.

51.3.5 Is-Sindku infurmat lil membri preżenti illi l-Asst. Principal tal-Kunsill ser toħroġ bil-pensjoni fil-bidu ta' Ġunju. Infurmat lil membri li illum, 24 ta' Mejju inġibet taħdem ġewwa l-uffiċċju taż-Żebbuġ fejn minflokha mar l-*Council Assistant* tal-Kunsill. Infurmat lil membri li kellha tittieħed din id-deċiżjoni minħabba l-fatt li l-Kunsill kien qed ikun ikkritikat minħabba d-diversi permessi tal-makkinarju goff fl-istess triq u fl-istess ġurnata. Infurmat lil membri li la darba l-*Council Assistant* ikun bil-*vacation leave* jew *sick leave* l-uffiċċju ta' Marsalforn ser ikollu jingħalaq. Għaldaqstant proponiet u l-membri qablu li jintalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jiġi ngaġġat Asst. Prinċipal biex ikun *replacement* tal-Asst. Prinċipal sabiex jaħdem mill-Uffiċċju taż-Żebbuġ u x'ħin ikun hemm il-ħtieġa jinżel fl-Uffiċċju ta' Marsalforn.

51.3.6 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li l-Kunsill għandu kwantita' mhux ħażin ta' boroż organiċi u għalhekk għandu jinħareġ

avviż. Il-membri qablu li dan isir u qablu wkoll li tintalab konsinja ta' boroz griżi ukoll.

51.3.7 Is-Sindku issuġeriet u l-membri qablu sabiex jintalab il-permess għal *swimming zones* lil Transport Malta kemm fil-bajja tax-Xwejni kif ukoll fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer.

51.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri li r-Reġjun t'Għawdex ħareġ offerta reġjonali għall-Ġbir ta' skart muniċipali. Infurmathom illi din l-offerta ser tkun qed toħroġ sabiex l-iskart domestiku kollu t'Għawdex jibda jinġabar minn kuntrattur wieħed u dan qed isir skont il-*Long Term Waste Management Plan 2021 – 2030.* Uriet l-inkwiet tagħha li ż-Żebbuġ u Marsalforn ser ikunu qed jitqiesu l-istess bħall-Għasri peress li ser ikun hemm skeda waħda li tapplika għal lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex. Infurmathom illi t-tibdiliet fl-iskeda ta' l-iskart u t-tibdil tal-Kuntrattur ser jibdew mill-1 ta' Jannar 2023. Infurmathom li l-ġbir *extra* li jsiru f'Marsalforn fis-Sajf ser jinqetgħu peress li qed issir enfażi sabiex ikun hemm separazzjoni ta' l-iskart. Infurmat ukoll lil preżenti li anke l-*iskips* li għandu l-Kunsill tal-borża s-sewda jridu jitneħħew. Infurmathom illi fil-laqgħa tar-Reġjun għamlitha ċara li Marsalforn ma jistax jitqies bħal lokalitajiet oħra u s-Segretarju tar-Reġjun bagħat ir-rakkomandazzjonijiet kollha.

51.3.9 Is-Sindku infurmat lil membri li rigward is-Sajf għal dan is-Sajf biss ser terġa titħaddem l-iskeda tas-Sajf mill-Ministeru għal Għawdex għal ġbir *extra.* Il-Kunsill qed ikun il-medjatur bejn il-Ministeru u l-Kuntrattur. Infurmathom ukoll li kellha laqgħa l-Ministeru fejn kien preżenti wkoll is-Sindku tal-Munxar u fost ħafna materji li ġew diskussi, inġibdet l-attenzjoni tal-Ministeru dwar l-ġbir ta' skart muniċipali. Ħu mistenni li ssir laqgħa mal-Ministeru ta' l-Ambjent, il-Ministeru għal Għawdedx, ir-Reġjun u l-Kunsill tagħna u tal-Munxar peress li Marsalforn u x-Xlendi ma jistgħux jitqiesu bħal lokalitajiet oħra f'Għawdex.

51.3.10 Il-membri ġew infurmati rigward skema oħra tar-Reġjun rigward l-*underground waste collection system.* Il-Kunsill qed jintalab sabiex jiġi identifikat post fejn jiġu nstallati taħt s-superfiċju ta' l-art numru ta' *underground waste collection*

*systems* bil-għan li r-residenti jkunu jistgħu jiddisponu mill-iskart iġġenerat ġewwa r-residenzi tagħhom u li ma jistax jintrema fil-*Bring in sites* u li ma huwiex meqjus bħal *bulky refuse,* fil-kumdita' u l-konvenjenza tagħhom u bl-inqas impatt viżwali u dak odoruż possibli. Faħħret lir-Reġjun li qed jipprova jsib soluzzjoni oħra għar-rimi ta' skart domestiku u qalet li hi kemm il-darba resqet din it-talba fil-Kunsill. Proponiet u l-membri qablu li dawn isiru fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Qablu ukoll li għandu jiġi kkuntatjat il-Perit sabiex jiddentifka post u jħejji l-pjanti neċessarji.

51.3.11 Is-Sindku nfurmat lil membri li r-Reġjun jixtieq iwaqqaf *Youth Regional Committee* bil-għan li l-vuċi taż-żgħażagħ provenjenti minn kull lokalita' ta' Għawdex tasal ukoll fi ħdan ir-Reġjun. Kompliet tgħid li l-Kunsill qed jiġi mistieden sabiex jinħatar *youth representative* mill-lokalita' tagħna bejn is-16 u 18-il sena sa nhar it-Tlieta, 7 ta' Ġunju. Il-membri qablu li għandu jintbgħat avviż f'kull dar fil-lokalita' sabiex min hu interessat jinkiteb mal-Kunsill.

51.3.12 Infurmat lil membri li ħarġet skema mid-DLG – Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Is-Sindku Dott Marlene Cini qalet li tkellmet ma min xogħlu hu intiż fuq il-funtani u staqsitu jekk l-funtana tal-Qbajjar Promenade għandhiex bżonn xi tiswija. Dan infurmaha illi għandu jgħaddilha informazzjoni x'tip ta' manutenzjoni hemm bżonn fuq din il-funtana. Il-membri qablu li jekk il-funtana hi mdaħħla fil-pjanti tal-Perit għal bini mill-ġdid ta' dan il-promenade, il-Kunsill japplika għal din l-iskema.

51.3.13 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li fix-Xwejni sar xogħol ta' manutenzjoni u tranġar. Tranġa ċint li waqa f'parti mit-triq li kien ta' perikolu kbir, inġab ir-ramel u saret it-twittija ta' l-art ħdejn il-Qolla l-Bajda peress li kien hemm ħofra kerha fl-ewwel parti, tneħħa xi ġebel li waqa' fit-triq minn fuq l-għerien u żdiedet l-area tal-WIFI4EU sabiex il-bajja kollha tkun koperta bil-WIFI. Issuġġerit u l-membri qablu li titranġa r-rampa tal-konkos li nqalgħet bil-maltemp int u dieħel lejn l-għar ta' Santa Marija. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona u l-

membri qablu li qed jaqa' l-ġebel fejn dan l-għar u għalhekk għandhom jitpoġġew it-tabelli li juru dan.

51.3.14 Is-Sindku nfurmat lil preżenti li twaħħlu l-*playing field equipment* għat-tfal ta' bejn 1 u 12-il sena. Kompliet tgħid illi kellhom jinqalgħu 2 *gym equipments* biex issir id-*doll house* pero' l-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit u l-MCCA fejn ser jeħlu għax hemm bżonn li jsir safety carpet taħthom minħabba s-sigurta. Rigward il-*pitch* tal-boċċi fl-istess *playing field* infurmat lil membri li l-Kunsill ġie avviċinat sabiex isir skirting ta' l-injam sabiex il-boċċa taħbat ma dan l-iskirting u jsir il-livellar meħtieġ bir-ramel. Il-membri qablu li dan għandu jsir. Infurmat ukoll lil membri li inġibdet l-attenzjoni illi l-blat faċċata tal-Klabb tal-futbol qed iċedi. Is-Sindku ssuġġerit li għandha ssir talba lil Perit sabiex jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Nicky Saliba informa lil membri li fil-passat kienet saret trinka tad-dawl n-naħħa tas-sies bil-konsegwenza li issq is-sies qed jinqata'. Infurmat lil membri li inbidlu xi *floodlights* fuq l-iskola għax inħarqu. Rigward id-*drip irrigation system*, infurmat lil membri li ser isiru id-*drips* ma l-*irrigation system* sabiex ikun jista' jissaqqa' il-playing field għal prezz ta' €395 VAT esklużminħabba l-fatt li dan ma kienx kopert fl-offerta ta' l-irrigazzjoni.

51.3.15 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-*waterculvert* fi Sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri issa lest u tpoġġew ukoll il-grajjed. Il-Perit għandu jmur jiċċertifika x-xogħol.

51.3.16 Infurmat lil membri rigward proposta ta' kollaborazzjoni ma artista lokali. Qed jiġi propost sabiex tinħoloq esebizzjoni minn skart li jintrema' illegalment fil-lokalita' tagħna u ssir esebizzjoni. Il-membri qablu li tingħata €300 bħal ma ingħata artist ieħor meta daħal f'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

51.3.17 Infurmat lil Kunsilliera li daħlet proposta l-Kunsill minn artist lokali sabiex isir ftit xogħol ġewwa x-xelters tal-gwerra u jinfetħu għal-pubbliku. Propona li jiġu installat dawl fejn dawn jintużaw sabiex isiru wirjiet ġo fihom. Is-Sindku issuġġerit li għandha tinġabar stima għal dan ix-xogħol u jintalbu l-permessi meħtieġa. Il-membri qablu.

51.3.18 Rigward Jum il-Missier, is-Sindku qalet li l-warda li ngħatat f'Jum l-Ommijiet kienet suċċess u għalhekk proponiet li ssir xi ħaġa simili għal Jum il-Missier. Il-Viċi Sindku Sandra Grech proponiet u l-membri qablu li tingħata *keychain* lil missierijiet kollha wara l-quddies tal-Ħadd, 19 ta' Ġunju kemm fiż-Żebbuġ u anke f'Marsalforn. Il-membri qablu li għandhom jiġu ordnati 300.

51.3.19 Is-Sindku nfurmat lil membri li ta' kull xahar issir il-laqgħa mal-Pulizja u l-Kunsill talab diversi drabi sabiex tinfetaħ l-għassa ta' Marsalforn. Proponiet u l-membri qablu li tintbgħat ittra lil Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku infurmat lil membri li tkellmet ukoll mal-Ministru kkonċernat f'dan ir-rigward.

51.3.20 Is-Sindku infurmat lil membri li twaħħal il-*main* ta' l-ilma fil-Bajja tal-Qbajjar u ser isir xower u vit li jkun jissakkar b'katnazz sabiex jintuża mis-sidien tad-dgħajjes residenti taż-Żebbuġ u Marsalforn u dawk midħla tal-madwar. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa f'hiex waslu x-xowers li kellhom isiru mill-Ministeru għal Għawdex fejn l-Otters. Il-membri qablu li terġa ssir *reminder* f'dan ir-rigward.

51.3.21 Is-Sindku nfurmat lil membri li din is-sena il-Knisja tagħlaq 100 mit-titlu ta' Matriċi. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li ssir irħama li tikkomemora din l-okkażżjoni iżda infurmatha li l-Arċipriet għadu jrid jagħmel il-verifiki neċessarji.

51.3.22 Is-Sindku nfurmat lil membri li hemm bżonn li jsir *traffic management* fi Triq Għar Qawqla peress fl-ewwel parti weħel krejn u ta' l-ischammel ma jkunx jista' jgħaddi minħabba l-karozzi pparkjati ħażin peress li qed jipparkjaw fuq iż-żewġt naħat. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li hemm bżonn aktar solveljanza mill-LESA u Transport Malta. Staqsa wkoll rigward il-kaxxi tal-parkeġġ li kellhom isiru. Is-Sindku nfurmatu illi kellha laqgħa mal-Perit ta' Transport Malta fejn talbu lil Perit tal-Kunsill jirrevedi l-pjanti sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati minn Transport Malta. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jissuġġerixxi lil Transport Malta sabiex isiru double yellow lines

fil-parti d-dejqa naħħa minhom tat-triq. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech staqsiet rigward l-injam ta' Għar Qawqla minħabba aċċess għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Is-Sindku nfurmatha illi l-Awtorita' tal-Artijiet infurmat lil Kunsill illi skont l-Awtorita' tal-Artijiet: *'no records found'*.

51.4 Korsijiet għas-Sajf

51.4.1 Hawn is-Sindku Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li jsiru dawn il-korsijiet u li jkunu mifruxa fuq 5 ġimgħat:

Literacy and Numeracy Course – eta' bejn 3 u 5 snin
Messy Play course – eta' 13-il xahar sa 4 snin
Arti
Simulator Lasor Shots – eta' 10 snin 'il fuq

Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li isiru *talks* rigward id-dijabete u l-mard tal-qalb.

Il-Kunsillier Baskal Saliba propona u l-membri qablu li jsir ukoll kors rigward il-*healthy lifestyle.*

Il-Kunsillier Nicky Saliba talab ukoll sabiex isir *service* lil AED's li għandna installati kemm fil-Pjazza taż-Żebbuġ kif ukoll fejn il-latrina tax-Xwejni. Il-membri qablu.

51.5 Attivitajiet għas-Sajf

51.5.1 Il-membri qablu li ssir ħarġa f'Malta, nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2022 fejn iżuru l-monti tal-Birgu, ir-Redentur ta' l-Isla u wara jmorru l-Belt Valletta. Ġie deċiż ukoll li min irid imur jiekol jista' jaqsam bid-dgħajsa mill-Birgu sal-Valletta Water Front.

51.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.6.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

51.6.1.1 Talbet sabiex isiru *double yellow lines* kemm mal-ġnub ta' garaxx kif ukoll faċċata fi Triq it-Torn. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta peress li faċċata hu ħajt vojt.

51.6.1.2 Talbet sabiex issir bozza li tkun tixgħel b'sensor sabiex ma jinżlux iħammġu bil-lejl taħt iċ-ċint tal-front ta' Marsalforn. Is-Sindku infurmatha li f'Marsalforn hemm bżonn ħafna aktar infurzar. Il-Viċi Sindku qalet ukoll li kellha talba minn persuni sabiex isiru ftit bankijiet taħt dan iċ-ċint. Il-membri qablu.

51.6.1.3 Rigward il-permessi ta' krejnijiet f'Marsalforn, infurmat lil membri li ħafna nies ġergru minħabba l-għeluq ta' toroq magħluqin bil-konsegwenza li t-traffiku ma kellux minn fejn jgħaddi. Qalet din ġrat darbtejn wara xulxin fejn ingħalqet Triq il-Qbajjar, Triq il-Qolla s-Safra u Triq Manuel Magro u Triq Santa Marija. Hawn is-Sindku infurmat lil membri illi għada l-Erbgħa hemm 3 permessi fl-istess triq u ma setgħux jitħassru peress li kienu ġew approvati. Kompliet tgħid li l-Kunsill tkellem ma dawn il-kuntratturi sabiex tranġaw il-ħinijiet ta' x'ħin isir ix-xogħol biex ma jkunx hemm xkiel fit-toroq.

51.6.1.4 Proponiet sabiex Triq il-Qbajjar terġa ssir *one way* fl-aħħar ta' Ġunju għas-Sajf biss. Il-membri qablu. Proponiet ukoll sabiex Triq ix-Xtut / Triq Manuel Magro issir *one way* ukoll matul is-Sajf. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

51.6.1.5 Talbet sabiex terġa' tinżebagħ iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

51.6.1.6 Talbet sabiex ix-xowers jerġgħu jibdew jaħdmu u jitnaddfu l-bajjiet. Is-Sindku nfurmata li l-Eco Gozo talbu l-permessi ta' l-ERA sabiex ikunu jistgħu jitnaddfu l-bajjiet. Ġibdet l-attenzjoni wkoll sabiex jerġa' jeħel ir-*railing tat-taraġ* tal-Bajja ta' Marsalforn liema taraġ jieħdok fejn ix-xowers.

51.6.1.7 Talbet sabiex isir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex jeħel ir-*railing* tat-taraġ ta' fejn l-għassa.

51.6.1.8 Ġibdet l-attenzjoni li sid partikolari ta' restorant ħareġ sebgħa boroz suwed fis-6 ta' filgħaxija nhar il-Ħadd li għadda. Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmatha li diġa tkellmet mas-

Surġent f'dan ir-rigward u dan diġa kellem lil sid dan ir-restorant.

51.6.1.9 Staqsiet rigward il-*bye-law*. Hawn is-Sindku infurmatha illi kull ġimgħa qed tibgħat *reminder* lil Avukat f'dan ir-rigward.

51.6.1.10 Infurmat lil membri li hemm tappiera tal-ħadid fi Triq ix-Xagħra biswit il-ġnien tat-tlett għoljiet li minnha ħiereġ ħafna wirdien sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu f'dan ir-rigward.

51.6.11 Talbet sabiex isir *reminder* rigward it-taraġ li kellu jeħel fil-Bajja ta' Għar Qawqla.

51.6.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:*

51.6.2.1 Talab sabiex isir il-*patching* mill-aktar fis fin-niżla ta' qabel il-*breakwater* ta' Marsalforn peress li perikoluż.

51.6.3 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

51.6.3.1 Staqsa rigward l-ispeed limit ta' Triq il-Port u l-Menqa. Hawn is-Sindku nfurmatu li fil-laqgħa li kellha ma' Transport Malta ġie deċiż li ser issir *dead slow*.

51.6.3.2 Talab sabiex is-sellum li jeħel ħdejn il-pixxina tal-*waterpolo* jagħmluh aktar mindud peress li hu wieqaf ħafna. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' min jieħu ħsieb dawn.

51.6.3.3 Talab jekk ir-rampa li kien talab li titranġa fi Triq il-Plejju, l-Kunsill kellux l-approvazzjoni tal-Gozo LC Works. Is-Sindku nfurmatu li ser jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jirranġha hu.

51.6.3.4 Talab għal kiri ta' krejn biex jitella l-arblu l-kbir tal-festa u tal-Kunsill. Qabel jiġu nstallati jinżebgħu ukoll. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu sabiex isiru erba' bnadar bojod u blu mal-arbli faċċata tal-Kunsill. Is-Sur Baskal Saliba kompla biex talab bandiera oħra kbira għal ma' l-arblu l-kbir. Il-membri qablu wkoll.

51.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

51.7.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan tal-Knisja ta' San Pawl fejn irringrazzjal lil Kunsill għal ġest sabieh li għamel fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm.

51.7.2 Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar – PA/03117/19. Il-Perit attenda għad-deċiżjoni tal-bord.

51.7.3 Talba mingħand sid ta' għalqa fil-parkeġġ ta' Marsalforn sabiex jitneħħew żewġ kaxxi tal-parkeġġ u minflok isiru *double yellow lines* sabiex ikun jista' jidħol fil-għalqa bit-tractor. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta u jintalab jitneħħa parkeġġ wieħed biss.

51.7.4 Talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq ġdida fi Triq il-Ponta. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

51.7.5 Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Santa Marija fejn qed jitlob sabiex fuq bozza 374/66 issir xi tip ta' *shade* peress li qed jidħol ħafna dawn fil-kamra tas-sodda tiegħu. Il-membri qablu li jintbgħat il-kuntrattur sabiex jagmel is-*shade.*

51.7.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kaxxa tad-disabled ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri u ta' Triq ix-Xagħra inżebgħu.

51.7.7 Talba mingħand awtur ta' ktieb tal-poeżiji sabiex jinxtraw kotba għal librerija. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba.

51.7.8 Talba mill-Gozo Cycling Club TT Race 2022 sabiex il-Kunsill jorganizza din it-tellieqa nhar is-7 ta' Ġunju 2022 fi Triq Għajn Mhelhel billi jġib il-permessi neċessarji minn Transport Malta. Il-membri qablu li din l-attivita' għandha ssir b'kollaborazzjoni magħhom. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li għandhom isiru id-*diversions* neċessarji u l-pubbliku jkun infurmat.

51.7.9 Talba mingħand resident fi Triq Ħabel it-Twil fejn talab li l-kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' ssir personalizzata. Il-

membri qablu li din it-talba għandha tgħaddi għand Transport Malta.

51.7.10 Talba għal *yellow line* quddiem entratura ta' appartamenti fi Triq Għajn Mhelhel peress li qed jiġu pparkjati l-karozzi eżatt mal-bieb. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta wara li raw ritratti riprodotti mir-resident.

51.7.11 Suġġeriment sabiex titranġa il-bankina fi Triq ix-Xtut. Il-membri qablu li jintbgħat l-ħaddiem tal-Kunsill.

51.7.12 Talba sabiex tinqala bozza nru 391/66 fi Triq Santa Marija peress li ser titwaqqa' l-binja. L-istess sid iffirma dikjarazzjoni li malli titla' l-binja jagħti permess li terġa titwaħħal. Il-membri qablu li din għandha tinqala'.

51.7.13 Talba sabiex jinqata' l-ħaxix minn passaġġ fi Triq Għajn Qućċat. Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill

51.7.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li nħareġ il-permess ta' l-ERA sabiex isir żbir ħafif tas-siġar tal-bruk fejn il-latrina tax-Xwejni.

51.7.15 Talba għal *one day event* mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella sabiex jorganizzaw BBQ fi Triq il-Batterija. Il-membri qablu ma dan pero' ma jistax jintuża l-parapett tal-Batterija.

51.7.16 Talba mill-MTA sabiex ukoll fi Triq il-Batterija isir il-festival Abode bejn is-16 u 19 ta' Ġunju 2022. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess. Is-Sindku Dott Marlene Cini ddikjarat pubblikament li ma għandu jinħoloq ebda' nkonvinjent lir-residenti u proponiet sabiex ma jintużax il-parapett tal-Batterija u jinġab il-Health and Safety u Risk Assesment. Il-membri qablu.

51.7.17 Korrispondenza mill-AKL għal possibilment ta' skambju mal-Lombardija. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika.

51.7.18 Persuna qed tilmenta li fis-salini hemm madwar 50 huta li qedgħin imutu. Is-Sindku nfurmat lil membri li dan l-ilment

tant eskala li sa ddaħħal il-Kummissarju għad-drittijiet ta' l-Annimali, l-Pulizija u c-CPD.

51.7.19 Ilment Nru 23/2022

Talba sabiex titwaħħal *webcam* fejn l-Otters li turi l-Menqa u Għar Qawqla.

Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

51.7.20 Ilment Nru 24/2022

Talba sabiex isir *patching* fi Triq Goma.

Il-membri qablu li dan għandu jsir.

51.7.21 Ilment Nru 25/2022

Talba sabiex isir *patching* ta' ħofra fonda fi Triq is-Sagħtrija fin-niżla fejn sar il-ħajt tas-sejjiegħ.

Il-membri qablu li dan għandu jsir.

51.7.22 Ilment Nru 26/2022

Talba sabiex isiru *patching* fi Triq il-Kaċċaturi u Triq Għajn Mhelhel.

Il-membri qablu li dan għandu jsir.

51.7.23 Ilment Nru 27/2022

Talba sabiex isiru sinjali tat-traffiku fi Triq il-Knisja mill-bidu ta' Triq Ġoma sad-Dar Parrokkjali.

Il-membri ma qablux ma dan għax jonqos drastikament l-ammont ta' parkeġġ.

51.7.24 Ilment Nru 28/2022

Talba sabiex isir *patching* fi Triq Skappuċċina.

Il-membri qablu ma dan.

51.7.25 Ilment Nru 29/2022

Talba sabiex isir qtugħ tas-siġar tal-bruk fi Triq is-Sagħtrija. Qal li din il-kantuniera hi mimlija bruk u perikoluża għas-sewwieqa.

Il-membri qablu li ssir talba għal permess ma' l-ERA.

51.7.26 Ilment Nru 30/2022

Talba sabiex jitpoġġa *mobile toilet* fejn il-*breakwater* ta' Marsalforn.

Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex għal forniment ta' dan il-*mobile toilet* peress li fil-passat kien jiġi provdut minnhom.

51.7.27 Ilment Nru 31/2022

Titlob sabiex jitpoġġew *dog* u *rubbish bins* fi Triq is-Salini.

Il-membri ma qablux ma din it-talba peress li l-Kunsill m'għandux kuntrattur li jbattal id-*dog bins*. Rigward ir-*rubbish bins* lanqas kien hemm qbil peress li dik hija triq residenzjali.

51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 34/2022 għall-perjodu ta' Mejju 2022 li tammonta għal € 99,020.15c ġiet approvata u ffirmata.

51.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.45 ta' filgħaxija. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu unanimament li peress li issa dieħel is-Sajf il-laqgħat jibdew jsiru filgħodu. Għaldaqstant il-

laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2022 fid-9.00 ta' filgħodu.

Konfermati, illum 27 June 2022

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv